MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 288/2013

**Globe Ground Malta Ltd**

**C 31426**

**Vs**

**Magro Christian**

**ID 224989M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta' Mejju, 2013 fejn is-socjeta' attrici tablet illi l-intimat abbanduna kuntratt ra' impjieg ghal zmien fiss minghajr raguni tajba u sufficenti kond il-ligi u l-ammont pretiz hu dak ikkalkulat skond il-kap 452.

Illi permezz ta' risposta l-konvenut wara li gie debitament notifikat eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-ebda ammont m'hu dovut lis-socjeta' attrici kif ser ikun pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez.

It-Tribunal semgha x-xhieda ta’ Joseph Cefai in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici fejn qal illi l-kariga tieghu hija dik ta’ Human Resources Manager. Dan ix-xhud ipprezenta l-kuntratt ta’ mpjieg tal-konvenut, prezenta wkoll ir-rizenja tal-konvenut. Ipprezenta wkoll working ta’ kif inhadmet is-somma mitluba fl-avviz. Wara li nhadmet li kienet originorjament elf disa’ mija erbgha u erbghin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€1,944.75) il-konvenut hallas l-ammont ta’ hames mitt ewro (€500) minnhom biex b’hekk fadal l-ammont ta’ elf erba’ mija erbgha u erbghin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€1,444.75) hekk kif mitlub fl-avviz.

Illi l-konvenut minkejja li nghata zmien biex iressaq il-provi tieghu dan baqa’ inadempjanti. Fin-nuqqas ta’ tali provi ta’ part ital-konvenut biex jissostanza l-eccezzjonijiet tieghu it-Tribunal ma jidhirlux li m’ghandux jemmen ix-xhieda u l-verzjoni tal-fatti mir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici u jehodha bhala veritieri.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jilqa’ t-talba attrici u jikkundana lill-konvenut ihallas is-somma ta’ elf mija erba’ u erbghin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€1,444.75) lis-socjeta’ attrici bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

l-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------